**Minuti tal-Laqgħa nru 41 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 29 ta' April 2010 fis-7.30 p.m. ta' filgħaxija**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.20 p.m. | 10..30 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.10 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.20 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | skużata | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.15 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.20 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.45 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.20 p.m. | 10..30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.17 p.m. | 10..30 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

1.00 Din il-laqgħa ġiet imsejħa sabiex isir l-item tal-korrispondenza u għalhekk fil-bidu tal-laqgħa is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jkun jista jsir din mingħajr ma jsiru dawk l-items statutorji kif tilob il-liġi. Ġie approvata li jsir dan b'mod unanimu.

1.01 Lista ta' 69 korrispondenza u azzjoni li għandha tittieħed tidher hawn annessa.

2.00 **Taħt Ħwejjeġ Oħra**

2.01 Is-Sur Demartino rega talab kopja tar-rapport li is-Sindku kien ircieva mingħand il-Prim Ministru . Is-Sindku qal li huwa kien lest jagħti kopja ta' dan ir-rapport iżda peress li dan ir-rapoort kien immarkat "kunfidenzjali" talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iġib permess mingħand id-dipartiment sabiex jkun jista jitqassam dan ir-rapport lill-Kunsilliera kollha. Huwa ta' kopja ta' dan ir-rapport lis-Segreatarju bi struzzjonijiet li jekk kemm il-darba il-permess jingħata huwa jqassam ir-rapport kif mitlub.

2.02 Is-Sinjura Kirby Fenech talbet li jsiru bollards (U bend) quddiem Nru 33/35 Kurat Bezzina. Is-Sindku qal li dan jistgħu jsiru bħal ma saru oħrajn iżda jekk nibqgħu naċċettaw dawn it-talbiet ser nispiċċaw kullimkien bollards (U. Bends).

2.03 Is-Sindku qal li huwa kien ser jitlob li jiġi assenjat pulizija mal-Kunsill sabiex jkun jista jinqataw ċerti abbużi u vandaliżmu.

2.04 Il-Viċi Sindku, Josette Agius Decelis talbet li tinstab soluzzjoni għal Triq in-Nasba fejn qed iżomm ħafna ilma. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja u jara jekk din il-problema hix qed tinħoloq minħabba li qed ifur il-ġibjun u jara x'jista jsir.

2.05 Is-Sindku ta' struzzjonijiet li jerġgħu jitwaħħlu is-sleeping policemen fi Triq San Anton Abbati wara li dawn kienu inqalgħu minħabba iż-żjara tal-Papa.

2.06 Is-Sur Mario Sammut talab li titwaħħal tabella li tindika l-parking slot tal-persuni b'diżabilita wara l-istage tal-Pjazza.

2.07 Is-Sindku qal li l-Kumitat ta' Jum il-Mosta ma riedx jaċċetta li għall-laqgħat tal-Kumitat jkun preżenti ukoll is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri.

Is-Segretarju qal li huwa kien irċieva konferma mingħand il-Professur Greorge Cassar fejn dan aċċetta wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi dawn il-laqgħat. Huwa qal li s-Segretarju huwa obbligat bil-liġi li jattendi laqgħat tal-Kumitati. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lid-Dipartiment dwar dan sabiex ningħataw gwida.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Korrezzjonijiet Minuti Nru. 41 – 29 ta' April 2010

**2.02** titnehha l-kelma 'sinjura' u tidhol minflok il-kelma 'sinjorina'

**2.05** jitnehha l-kliem ' Is-Sindku ta' struzzjonijiet' u jidhol minflok il-kliem ' il-kunsill qabel li dan isir'

**2.07** titnehha l-ewwel sentenza minn '...Is-Sindku qal' sa ..... 'Camilleri' u jidhol minflok dan il-kliem: 'Is-Sindku qal li xi membri tas-sotto kumitat ma' accettawx li ghal laqghat ikun prezenti is-Segretarju Ezekuttiv.

Mit-tieni sentenza jitnehha l-kliem '......fejn dan accetta................dawn il-laqghat'.

Wara l-kliem '......laqghat tal-kumitat' jidhol dan li gej: ' Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-kunsill ghas-sitt skeda artiklu 43 para 29 tal-ligi tal-kunsilli dwar sotto kumitati. Dan jaqra li l-funzjoni tas- Segretarju Ezekuttiv hija din:
" Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jgharraf lill- membri b'kull sotto kumitat skont it-termini tas-sotto kumitat".
Il-ligi kien ma' ssemmi l-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv fis-sotto kumitati.